# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**7 ta' Jannar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Joseph A. Herrera BL.CAN.,LIC.CAN., LL.D.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Austin Gatt pro et noe et

*versus*

Il-Kummissjonarju Prinċipali Elettorali pro et noe et

**Kunsilli Lokali – Elezzjoni – Reġistru Elettorali – Żbalji**

*Il-prinċipju direttiv ta' liġi li tirregola l-proċess elettorali fi stat demokratiku huwa l-valur taċ-ċertezza;*

*Jidher ċar mid-diversi disposizzonijiet tal-liġi in eżami li din trid fuq kollox tassigura ċertezza fid-drittijiet tal-vot u tal-votanti, f'ċerta data prestabbilita, b'mod illi l-posizzjoni formali li tiġi kkristalizzata u rreġistrata f'dik id-data tittieħed bħala r-realtà legali;*

*Il-prinċipju direttiv li għażlet il-liġi qiegħed fil-valur taċ-ċertezza li hawnhekk hija ppreferita għall-valur tal-verità. L-unika*

*eċċezzjoni kkontemplata hija dik tal-mewt tal-votant.*

Il-Qorti:-

1. Fit-tieni skeda ta' L-Att XV ta' l-1993 ġiet ippubblikata l-mappa numru 32 li stabbiliet il-konfrini tal-lokal ta' Hal-Lija u dan għall-iskopijiet ta' l-elezzjoni għall-Kunsill ta' l-istess lokal, skond l-istess Att XV/93. Din il-mappa kienet tinkludi Triq Annibale Preca iżda l-istess triq u r-residenti kollha tagħha, fosthom l-attur Saviour Demicoli, ma ġewx inklużi fir-Reġistru Elettorali għal Hal-Lija ppubblikat f'Awissu 1993. L-elezzjoni għandha ssir fit-22 ta' Jannar, 1994, u minħabba dan in-nuqqas l-istess elezzjoni tkun nulla u bla effett. Għalhekk ġiet proposta din l-istanza quddiem il-qorti Ċivili Prim'Awla fejn intalab li l-qorti tiddeċidi (a) illi r-Reġistru Elettorali ta' Awissu 1993, fejn jirrigwarda l-lokal ta' Hal-Lija mhuwiex konformi mal-liġi billi hemm minnu esklużi r-residenti kollha ta' Triq Annibale Preca; (b) li tiddikjara li l-itess triq u r-residenti tagħha jifformaw parti mill-Kunsill Lokali ta' Hal-Lija; u (c) tikkundanna lill-konvenuti biex qabel it-18 ta' Diċembru, 1993 – meta joħroġ l-avviż għall-elezzjoni ta' Hal-Lija, – jagħmlu l-korrezzjonijiet kollha meħtieġa biex ir-residenti kollha ta' Triq Annibale Preca jkunu jistgħu jivvotaw;

2. Il-kummissjoni Elettorali opponiet illi l-Qorti m'għandhiex il-poter li takkorda l-korrezzjonijiet mitluba billi dawn setgħu jsiru biss mill-uffiċjali Reviżuri fit-termini preskritti mil-liġi, wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali liema termini kienu diġa għaddew meta l-Kummissjoni Elettorali ġiet avżata bl-iżball;

3. L-ewwel Onorabli Qorti ddeċidiet il-kawża fit-3 ta'

Diċembru, 1993, u fuq l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali iddisponiet hekk:-

"Dwar il-fatti m'hemmx kontestazzjoni. Triq Annibale Preca ġiet inkluża fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali bħala formanti parti mill-Kunsill ta' H'Attard u mhux ta' Hal-Lija. Mentri fil-mappa li tifforma parti mil-liġi u ċjoè l-Att Nru. XV ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, din it-triq kellha tifforma parti mil-lokalità ta' Hal-Lija. Ix-xhud Joseph Scicluna, impjegat fl-uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali bħala *Technical Officer*, igħid hekk fix-xiedha tiegħu tat-30 ta' Novembru, 1993 "Għal dawn ir-raġunijet jirriżulta li fir-Reġistru Elettorali, Annibale Preca Street qed tiġi indikata ma' H'Attard;"

Ir-raġunijet, skond l-istess xhud, kienu li, minħabba pressjoni ta' xogħol ma setgħux jistennew li tiġi ppubblikata l-liġi bil-mapep magħha u, assumew li l-mapep li kienu bagħtulhom il-*Mapping Unit* kienu sejrin ikunu identiċi ma' dawk li kienu sejrin jiġu ppubblikati mil-liġi;

Lanqas m'hemm kontestazzjoni li l-appell lill-Uffiċjali Reviżuri ma sar minn ebda attur f'din il-kawża fil-perjodi u taħt il-modalitajiet stabbiliti fit-Taqsima VII ta' l-Att Nru. XXI ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali;

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom l-atturi jsostnu li dawn il-provvedimenti tal-liġi dwar l-ambitu ta' ġurisdizzjoni ta' l-Uffiċjali Reviżuri ma japplikawx għall-każ preżenti. B'risposta l-konvenuti jibbażaw ruħhom fuq it-teżi li dawn huma l-uniku rimedju u jekk dan ir-rimedju ma ġiex utilizzat ladarba t-termini għal appell quddiem l-Uffiċjali Reviżuri għaddew dan in-nuqqas huwa fatali u m'hemmx rimedju;

Din il-qorti għalhekk għandha teżamina jekk din il-fatalità hijiex l-unika mod korrett biex tiddetermina din il-każ jew inkella għandhiex hi d-dritt li teżamina din il-kwistjoni u, jekk ikun il-każ, tordna lill-konvenuti biex jagħmlu l-korrezzjoni *mitluba;*

L-atturi jikkwotaw l-Artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn il-Qorti għandha l-poter u d-dritt li teżamina jekk xi persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skond il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra;

Ovvjament l-Att Numru XV ta' l-1993 huwa proprju liġi oħra li għaliha qiegħed jagħmel referenza l-istess Artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti, għalhekk, għandha d-dritt u d-dover skond l-istess Artikolu li teżamina jakk il-kummissjoni Elettorali qdietx il-funzjoni tagħha skond din il-liġi;

Kontra dak li hemm ipprovdut fl-Att li jirregola l-Elezzjoniet Ġenerali dak li jipprovdi għar-regolament ta' l-elezzjonijiet għall-Kunsill Lokali, għar-raġunijiet ovvji, jipprovdi għat-tqassim f'lokalitajiet;

"Lokalità tfisser kull area b'konfini stabbiliti kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att" – Taqsima 1, Artikolu 2 ta' istess Att u 'popolazzjoni ta' lokalità' tfisser in-numru totali ta' persuni li, fost tekwiżiti oħra, huma residenti fil-*lokalità*';

Il-mapep, għalhekk, fit-Tieni Skeda huma parti essenzjali tal-liġi u huma dawn il-mapep li jindikaw mhux biss il-lokalitajiet iżda wkoll dawk in-nies li għandhom jivvutaw f'dan jew ieħor mil-lokali li fihom hemm jew sejjer ikun hemm Kunsilli Lokali;

Ir-Reġistru Elettorali, *għalhekk, kellu jirrispekkja din il-liġi* u jinkludi fih dik il-popolazzjoni fil-lokalità ġusta skond il-mapep fit-tieni Skeda ta' l-istess liġi;

Il-Kummissjoni Elettorali, għalhekk, ma kellha ebda dritt li tassumi għaliha l-poter leġislattiv meta assumiet li l-mapep li bagħtulha l-*Mapping Unit* kienu sejrin ikunu identiċi mal-mapep li, kif intqal, effettivament *jifformaw parti mil-liġi ta' pajjiżna* fil-materja tal-Kunsilli Lokali. Il-fatt li l-Kummissjoni għamlet dan b'buona fede totali u biss minħabba pressjoni ta' xogħol f'ħin propens mhux bl-ebda mod dubitat minn din il-Qorti. Però dan il-fatt ma jbiddilx il-fatt illi r-riżultat huwa Reġistru Elettorjali li ma jikkonformax mal-liġi;

Il-funzjoni ta' l-istess Kummissjoni, invece, hija li tassigura ruħha proprju li l-liġi tiġi segwita fil-provvedimenti kollha tagħha;

*Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-Artikolu 124 (10)* jagħti lilha l-awtorità li tiddetermina l-każ preżenti;

Għaldaqstant hija tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara u tiddeċidi illi r-Reġistru Elettorali għal Kunsilli ta' Ħal-Lija ppubblikat f'Awissu, 1993 mhux konformi mal-liġi peress illi jeskludi minn dan ir-Reġistru Triq Amibale Preca u r-residenti kollha ta' ġo fiha meta din it-triq tinsab fil-konfini stabbiliti f'mappa numru 32 tat-Tieni Skeda ta' L-Att XV ta' l-1993, u tiddikjara konsegwentement li Triq Annibale Preca u r-residenti ta' ġo fiha jifformaw parti mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u tikkundanna lill-Konvenuti li fi żmien qasir u perentorju, iżda f'kull każ qabel it-18 ta' Diċembru, 1993, jagħmlu l-korezzjoni meħtieġa biex jinkludu Triq Annibale Preca

*u r-residenti ta' ġo fiha fil-proċeduri kollha relattivi għall-ħatra* tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija;

Il-Qorti, però, tixtieq iżżid illi hija tifhem il-ħsibijiet serji li qajmu l-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom u tiddikjata li waslet għall-fuq imsemmija konklużjoni minħabba l-partikolaritajiet tal-każ u m'għandhiex tingħata l-interpretazzjoni libera li hija għandha sservi biex il-proċeduri normali għal revizjoni tar-Reġistru Elettorali jiġu evitati u li, f'kull każ għandhom jinqabżu jew jiġu injorati l-proċeduri preskritti mil-liġi għal appelli fuq ir-Reġistru Elettorali, dejjem, dement, li anke bi żvista, bħall-każ preżenti, l-istess Kummisjjoni Elettorali tkun segwiet a puntini l-liġi tal-pajjiż;

Minħabba n-natura partikolari tal-każ l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu diviżi ugwalment bejn l-atturi u l-konvenuti";

4. Il-Konvenuti appellaw. Il-punt rilevanti huwa – illi anke jekk il-Qorti tawtorizza korrezzjonijiet, dawn ikollhom effett mid-data tal-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali li jkun imiss u mhux immedjatament. Il-liġi tirregola l-fenomenu ta' l-iżbalji li jistgħu jirrikorru u dawk il-provvedimenti għandhom jiġu segwiti;

5. Il-Qorti trid fl-ewwel lok tiffoka l-attenzjoni tagħha, *f'kawża li tirrigwarda l-elezzjoni ta' Kunsill Lokali, fuq dan l-*artikolu ħamsa ta' l-Att li jgħid:-

"(1) Il-Kummissarju Elettorali għandha tagħmel Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali li jkun jiġbor fih il-persuni kollha li għandhom jedd ikunu rreġistrati bħala votanti għall-elezzjonijet

ta' Kunsilli Lokali skond dan l-Att;

(2) Il-Kummissjoni....għandha tinkludi fir-Reġistru ....il-persuni kollha li jkollhom jedd sew jekk tkun saret applikazzjoni għar-reġistazzjoni sew jekk le;

(3) Il-Kummissjoni ...għandha tieħu ħsieb li tippubblika r-Reġistru għall-Kunsilli Lokali fil-Gazzetta, darba fis-sena, fix-xhar ta' Novembru,...u dak ir-Reġistru...ikun fih il-persuni kollha li jkollhom jedd li jivvotaw fl-aħħar jum ta' Ottubru ta' dik is-sena;

*Iżda l-Kummisjoni għandha b'żieda, tippubblikat r-Reġistru....b'meżżi elettroniċi;*

Iżda wkoll l-ewwel Reġistru ....għandu jkun ippubblikat mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu, 1993, u dak ir-Reġistru għandu jkun fih il-persuni kollha li jkollhom jedd li jivvutaw fil-31 ta' Lulju, 1993'';

6. L-artikolu 7 huwa rilevanti wkoll għaliex jistabbilixxi min għandu d-dritt tal-vot:-

''il-persuni li għandhom jedd li jivvotaw f'elezzjoni ta' Kunsilli Lokali huma dawk il-persuni li jkunu rreġistrati bħala votanti f'dik it-Taqsima tar-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali li tirreferi għal-lokalità li għaliha se jkunu eletti Kunsillieri lokali'';

7. L-Att XV ta' l-1993, fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda mbagħad, hemm Regolamenti u numru 7 jippreskrivi illi:-

"Id-disposizzjonijiet kollha fl-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Generali u li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni, trasferiment u tħasir ta' reġistrazzjoni ta' eletturi fir-Reġistru Elettorali stabbilit b'dak l-Att, kif ukoll li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' uffiċjali reviżuri u appelli lilhom għandhom "mutatis mutandis" japplikaw għall-Kunsilli Lokali mwaqqfa bl-artikolu 5 ta' dan l-Att";

Ir-Regolament 13 jirregola l-konsegwenti ta' kull korrezzjoni li tistà tiġi ordnata minn Uffiċjal Reviżur;

8. Din il-qorti jidhrilha li fl-ewwel lok għandu jiġi osservat, u anki enfasiżżat, illi **l-prinċipju direttiv** ta' liġi bħal din, li tirregola l-proċess elettorali fi stat demokratiku, huwa l-vlur taċ-**ċertezza.** Il-liġi in eżami, jidher ċar mid-diversi disposizzjonijiet tagħha li l-liġi *trid* **fuq kollox** *tassikura ċertezza* fid-drittijiet tal-vot u tal-votanti, **f'ċertà data prestabbilita,** b'mod illi l-posizzjoni **formali** li tiġi kkristallizzata u rreġistrata *f'dik id-data, tittieħed* bħala r-realtà legali billi **hawn,** si tratta wkoll minn drittijiet politiċi pplasmati mil-liġi. Dan ifisser illi huwa possibbli li ma jkunx hemm konkordanza perfetta bejn il-fatt u d-dritt, u r-Reġistru Elettorali fid-data ta' l-għeluq difinittiv qabel elezzjoni ikun jikkontjeni informazzjoni li ma tkunx taqbel mal-verità tal-fatti. Il-prinċipju direttiv li għażlet il-liġi qiegħed fil-valur taċ-ċertezza li hawnhekk hija ppreferita għall-valur tal-**verità** *u dak li jistabbilixxi l-aħħar Reġistru* Elettorali qabel elezzjoni, fid-data tal-*chiusura stabbilita,* tant irid ikun **ċert** illi għandu biss sens skond il-massima ġuridika "*juris et de jure pro veritate habetur,*" jissodisfa l-valur tal-verità. L-unika eċċezzjoni kkontemplata hija dik tal-mewt tal-votant (Regolament 14);

Fl-aħħarnett, għandu jiġi osservat illi l-possibbilità ta' skorrettizzi u żbalji f'reġistri elettorali li jikkomprendu eluf ta' eluf ta' ismijiet, konjomijiet u dettalji oħra, huwa tant għoli, li biex tiġi assikurata ċ-ċertezza neċessrja, u eventwalment is-serjetà ta' kull manifestazzjoni elettorali, illi l-liġi għandha **raġjonevolment** tillimita l-merkanżiżmu korrettiv ta' l-istess dettalji għaliex altrimenti tkun qed tippremetti eżerċizzju li jispiċċa biex jipperikola serjament il-prinċipju direttiv imsemmi u joħloq area ta' suspetti u konġetturi li jimminaw il-finalità tal-proċess elettiv u l-perjodu limitat ta' poteri li dak il-proċess jikkonferixxi;

9. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-teżi tal-Kummissjoni Elettorali għandha tipprevali – b'dan il-korrettiv – illi fil-każ preżenti l-iżball li ttieħed kien tant grossolan illi kieku *l-istess ġie b'xi mod a konoxxenza tagħha*, **u dan fit-terminiutili**, l-istess Kummissjoni Elettorali kellha **d-dover**, skond dak li jiddettalha l-artikolu 5, li tagħmel sewwa dak li hija stess tirrikonoxxi bħala pależament imgħawweġ;

10. Għal dawn ir-raġunijiet, is-sentenza ta' l-ewwel grad tat-3 ta' Diċembru, 1993, hija rriformata fis-sens illi filwaqt li hija kkonfermata għal dak li ddeċidiet rigward il-kompetenza tagħha u s-sindakabbiltà ta' l-operat *tal-Kummissjoni Elettorali*, hija rrevokata għal dak li ġie deċiż fil-meritu u għalhekk it-talbiet ta' l-atturi huma rrigettati;

Spejjeż taż-żewġ istanzi bla taxxa bejn il-partijiet.